MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1233/2009

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Tarek Ahmed Bu Menjel, iben Ahmed, imwieled Tripoli, Libja fl-24 ta' April, 1964, Passport Libjan numru 185236/2009
u
Farag Salem Mohamed Alshoshi, iben Salem Mohamed, imwieled Tarhuna, Libja fl-20 ta' Ottubru, 1969, Passaport Libjan numru 529796/2007

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli fit-18 ta' Novembru, 2009, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. għamlu atti ta' 'money laundering' billi -
a. ikkonvertew jew trasferew proprjeta' meta kienu jafu li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew konċernati f'attivita' kriminali;
b. ħbew jew urew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, movement ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kienu jafu li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;
c. akkwistaw proprjeta' meta kienu jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;
d. bir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjeta' meta kienu jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;
e. ittentaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;
2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Awwissu, 2011 fejn bis-saħħa tas-subartikolu (2A)(b)(ċ) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, ordna illi l-imputati jiġu pproċessati quddiem din il-

Qorti fuq l-akkużi miġjuba kontra tagħhom għal ksur tal-provvedimenti ta’ l-istess Att.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta’ Awwissu, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijjiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 18 u 334(a)(b)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Settembru, 2011 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputati bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-18 ta’ Novembru, 2009 il-pulizija rċeviet informazzjoni li kwantita’ ta’ deheb possibilment misruq u imdewweb f’ingotti kellhu jħalli Malta. L-informazzjoni kienet fis-sens li dan id-deheb kellu jmur il-Libja u ġiet imsemmija persuna bl-isem Farag. Fil-fatt il-pulizija telgħu l-airport u wara l-verifiki ġiet identifikata persuna bl-isem Farag Salem Mohammed Alshoshi li kellu jitlaq Malta fuq titjira ta’ l-Air Malta għal Tripoli, Libja. Il-pulizija baqgħu jikkontrollaw l-akkwati tal-‘check in’ u raw li l-imputat hawn fuq imsemmi flimkien ma l-imputat Tarek Ahmed Bu Menjel għaddew mill-proċeduri kollha neċessarju u għaddew anke il-‘passport control’. (Il-Libja ma tagħmiilx parti miz-zona Schengen). Ftit wara huma ġew imwaqqaf mill-pulizija u meħuda f’kamra biex tiġi verifikata l-informazzjoni li mxew fuqha l-pulizija. Saret tfittxija fuq l-imputat Farag u ma nstab xejn. Saret tfittxija fuq l-imputat Tarek u fiċ-ċinta tal-qalżiet li kien liebes

instabu tlett ingotti tad-deheb u fil-'hand luggage' li kien fil-pussess tiegħu nstabu ħames ingotti u oġġetti oħra tad-deheb. Tarek Ahmed Bu Menjel qal mal-ewwel li dawn l-oħħeti ma kienux tiegħu iżda kienu ta' Farag Salem Mohammed Alshoshi. Dan ta' l-aħħar qal lill-pulizija li dawk l-oġġeti ma kienux tiegħu u ma kien jaf xejn. Iż-żewġ imputati ma offrew l-ebda spjegazzjoni plawsibbli għal pusssess ta' dan id-deheb.

Illi dan id-deheb u l-oġġetti l-oħra eżebiti ġew valutati mill-Konslu tad-Deheb li kkalkula li l-valur globali kien ta' madwar erbgħin elf euro (€40,000).

Illi fil-kors tal-investigazzjoni saret riċerka fuq l-oġġetti tad-deheb li nstabu fil-pussess ta' Tarek Ahmed Bu Menjel. Irrizulta li oġġett partikolari, brazzuletta 'lucky charm', ġiet identifikata minn Janice Dalli. Hi xehdet li fit-3 ta' Jannar, 2009 kienu daħlu ġod-dar tal-familja tagħha u min hemm kienu ħadu ħafna oġġetti fosthom din il-brazzulatta. Dan l-oġġett kellu tlett 'lucky charms' iżda meta hi ratu kien hemm biss 'lucky charm' waħda.

Illi ix-xenarju li kellha quddiemha l-pulizija f'dak il-mument partikolari tal-investigazzjoni kien li l-imputati kienu qed iwaħħlu f'xulxin dwar il-lingotti tad-deheb u l-oġġetti l-oħra. Minbarra dan, ġiet identifikata brazzuletta li l-provenjenza tagħha kienet minn serqa.

Illi fil-kors tal-kawża l-imputati xehdu u mix-xhieda tagħhom bil-ġurament irrizulta li d-deheb kien ta' l-imputat Farag Salem Mohammed Alshoshi u l-imputat l-ieħor Tarek Ahmed Bu Menjel kellu l-inkarigu li jġorr tali deheb u ġjollerija. Huma xehdu li d-deheb kien inħeba minħabba d-dwana libjana.

Illi kemm waqt il-kompilazzjoni kif ukoll waqt il-provi tad-difiza instemgħu x-xhieda ta' għaxar kummerċjanti tad-deheb. Dawn kollha xehdu li kienu jafu lill-imputat Alshoshi u kważi kollha kienu għamlu xi forma ta' negozju miegħu. Xehed ukoll minn kien dewwilbilu d-deheb u ittrasforma dan id-deheb f'ingotti. L-iżjed ħaġa mportanti għat-teżi ta' l-imputati kienet li d-deheb kien għandhom

legalment. Din il-prova saret billi ġew eżebiti disa’ (9) riċevuti fiskali li jġibu d-dati tas-17 u it-18 ta’ Novembru, 2009. Wara li tgħodd l-ammont misjub f’dawn ir-riċevuti fiskali jirrizulta li l-imputat Alshoshi kien xtara deheb tal-valur ta’ €37,914.

Illi jirrizulta ċar li l-imputat xtara dan id-deheb b’mod legali u għalhekk ma jista’ jirrizulta ebda ksur tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta. Minbarra dan, ma tirrizulta min imkien li hu kien jaf li dik il-brazzuletta kellha provenjenza llleċita.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------